

31997D0464

25.7.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 198/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-27 ta' Ġunju 1997****dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fejn għandhom x'jaqsmu prodotti ta' l-ingerinerija dwar ilma ta' skart****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(97/464/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Billi l-Kummissjoni hija meħtieġa tagħżel, bejn iż-żewġ proċeduri skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE biex tattesta l-konformità ta' prodott, "il-proċedura l-inqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà"; billi dan ifisser li hu meħtieġ li wieħed jiddeċidi jekk, għal prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll ta' produzzjoni ta' fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-manifattur hijiex kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-konformità tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp ċertifikat approvat hijiex meħtieġa għal dak l-iskop;

Billi l-Artikolu 13(4) jeħtieġ li l-proċedura hekk stabbilita għandha tkun indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, huwa mixtieq li jiġi definit il-kunċett ta' prodotti jew familja ta' prodotti kif użati fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi ż-żewġ proċeduri li hemm ipprovdut għalihom fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal fl-Anness III li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE; billi huwa meħtieġ għalhekk li jiġu speċifikati b'mod ċar il-metodi li permezz tagħhom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implimentati, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, minħabba li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Filwaqt li l-proċedura msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi stipulati fl-ewwel possibiltà, min-

għajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibiltajiet tal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) tikkorrispondi għas-sistemi stipulati fil-punt (i) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibiltà, mas-sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri li għalihom tippovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-prodotti stipulati fl-Anness I għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura, fejn, flimkien mas-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika operata mill-manifattur, korp ta' ċertifikazzjoni approvat jiġi nvolut fl-istima u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

L-Artikolu 2

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif stipulata fl-Anness III għandha tiġi indikata fil-mandati għall-istandards armonizzati.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membre tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

L-ANNEX I

Prodotti ta' l-inġinerija dwar ilma ta' skart ġewwa l-bini

Strumenti fejn il-kurrent iġġaddi b'lura: Xogħol ta' pajpijiet għall-ventilazzjoni b'valvola biex tidħol l-arja minnha.

Settijiet għal stazzjon għall-ippumpjar ta' ilma ta' skart u impjanti li jerfġu l-effluwenti.

Prodotti ta' l-inġinerija dwar ilma ta' skart barra l-bini

Settijiet u elementi għal impjanti ta' trattament ta' l-ilma ta' skart u tagħmir ta' trattament fuq il-post.

Tankijiet settiċi.

Kanal ta' dranaġġ prefabbrikat.

Bokkaporti u kmamar ta' spezzjoni.

Għotjien, taraġ tal ħadid, slielem u poġġamani għal ħofor għall-bokkaporti kmamar ta' ispezzjoni, għotjien tal-kanali.

Separaturi.

L-ANNEX II

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-INĠINERIJIA DWAR ILMA TA' SKART ĠEWWA L-BINI (1/2)**Sistemi ta' attestazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attezzjoni ta' konformità fli-standard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott	Użu maħsub	Livell jew klassi	Attezzjoni tas-sistema ta' konformità
Strumenti ta' kurrent li jimxi b'lura: xogħol ta' pajpijiet li jħalli l-arja tġġaddi minn valvola għall-ventilazzjoni	Għall-użu ġewwa l-bini		4 ⁽¹⁾

(¹) Sistema 4: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata wkoll fejn it-twertieq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda hteġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, l-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-twertieq tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-ILMA TA' L-INGĠNERIJA DWAR ILMA TA' SKART ĠEWWA L-BINI (2/2)

Sistemi ta'attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba jispjefikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attestazzjoni ta' konformità fl-istandard(s) armonizzati relevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni tas-sistema(i) ta' konformità
Settijiet għal stazzjon ta' l-ippumpjar ta' l-ilma ta' skart u impjanti li jerf-għu l-effluwenti	Għall-użu ġewwa l-bini		3 ⁽¹⁾

(¹) Sistema 3: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) li jinsab mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata wkoll fejn it-tweġiq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda hteġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-tweġiq tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-INGĠNERIJA DWAR ILMA TA' SKART BARRA L-BINI (1/3)

Sistemi ta'attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba jispjefikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attestazzjoni ta' konformità fl-istandard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni taas-sistemi ta' konformità
Settijiet u elementi għal impjanti tat-trattament ta' l-ilma ta' skart u tagħmir ta' trattament fuq il-post - Tankijiet settiċi	Li għandhom jintużaw użati barra l-bini, għal ilma tax-xita, effluwenti tal-ħmieġ u organiċi		3 ⁽¹⁾

(¹) Sistema 3: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibiltà

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata wkoll fejn it-tweġiq ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda hteġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-tweġiq tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-INGĠNERIJA DWAR ILMA TA' SKART BARRA L-BINI (2/3)

Sistemi ta'attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitlub jispjefikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attestazzjoni ta' konformità fli-standard(s) armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni tas-sistemi ta' konformità
Kanal prefabbrikat tad-dranaġġ	Li għandu jintuża barra l-bini, għall-ilma ta' skart minn bini u xogħliet ta' inġinerija ċivili inklużi t-toroq		3 ⁽¹⁾

(¹) Sistema 3: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibiltà

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata wkoll fejn it-tweqqi ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda hteġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-tweqqi tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' L-INĠINERJA DWAR ILMA TA' SKART BARRA L-BINI (3/3)

Sistemi ta' attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu/i maħsuba elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba jispesifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' l-attezzjoni ta' konformità fl-istandard(s) armonizzati relevanti:

Prodott(i)	Użu/i maħsuba	Livell(i) jew klassi(jiet)	Attestazzjoni tas-sistemi ta' konformità
Bokkaporti u kmamar għall-ispezzjoni Għotjien, taraġ tal ħadid, slielem u poġġamani għall-bokkaporti u kmamar ta' l-ispezzjoni, għotjien tal-kanaali	Li għandhom jintużaw fit-toroq, żoni għall-parkeġġ, naħat fil-ġenb tat-triq fejn jieqfu l-vetturi bil-ħsara u barra l-bini		4 ⁽¹⁾
Separaturi	Għall-ilma ta' skart/ħmieġ minn bini u xogħol ta' inġinerija ċivili inklużi t-toroq		4 ⁽¹⁾

(¹) Sistema 4: Ara l-Anness III il-punt 2(ii) mad-Direttiva 89/106/KEE, it-tielet possibiltà

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata wkoll fejn it-tweqqi ma jeħtieġx li jiġi stabbilit għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma għandu ebda hteġa legali affattu għal din il-karatteristika (ara l-Artikolu 2.1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn japplika, il-klawżola 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' dik il-karatteristika m'għandhiex tkun imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikkjara it-tweqqi tal-prodott f'dak ir-rigward.